Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ISSN 1830-513X

# KESE info

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Jannar 2016 | MT



## EDITORJAL

### Il-KESE: Naħdmu man-nies għall-Ewropa

Għeżież qarrejja,

L-2015 kienet sena mimlija sfidi għall-Ewropa: il-kriżi tal-ewro, inkwiet politiku u ekonomiku f'uħud mill-Istati Membri u fuq kollox l-influss ta' mijiet ta' eluf ta' refuġjati u immigranti fl-UE.

Barra dan, ir-rati tal-qgħad huma għoljin wisq, speċjalment fost iż-żgħażagħ, l-impatt tat-tibdil fil-klima huwa perċettibbli, u hemm ukoll it-terrur latenti mill-Iżlamisti radikali.

Ir-riskji huma għoljin għall-2016 u aħna kollha għandna nikkontribwixxu biex infittxu l-aħjar soluzzjonijiet u l-aktar korretti.

L-Ewropa teħtieġ tagħti ordni ġdid lilha nnifisha: l-UE għandha ssir tixbah aktar intrapriża organizzata tajjeb, bi tmexxija b'saħħitha u parteċipattiva u azzjoni miftiehma lejn l-għanijiet komuni. Għandha tingħata prijorità għat-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li hi għodda indispensabbli fiż-żona monetarja unika. Politika dwar l-Asil u l-Migrazzjoni tabilħaqq Ewropea għandha ssir realtà. Ġejja sena kollha sfidi u jeħtieġ li jiġu implimentati immedjatament il-miżuri regolatorji meħtieġa.

L-azzjoni tagħna għandha tkun iggwidata mill-kuraġġ u bbażata fuq ir-realtà, waqt li nżommu l-benessri tal-poplu Ewropew f'moħħna. Is-soċjetà ċivili turina t-triq, u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, bħala l-vuċi tas-soċjetà ċivili organizzata, ser iżid l-isforzi tiegħu biex jieħu l-post leġittimu tiegħu fit-tfassil tal-politika tal-UE u b'hekk jiġi żgurat li l-politiki Ewropej huma mwettqa ma' u għan-nies.

**Gonçalo Lobo Xavier**
Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni

## DATI GĦAD-DJARJU

**17-18 ta' Frar 2016/**
**KESE, Brussell:**
sessjoni plenarja tal-KESE

## F'DIN IL-ĦARĠA

2 Il-migranti u r-refuġjati fil-qalba tal-plenarja ta' Diċembru tal-KESE

3 Il-Presidenza Netherlandiża tal-UE: niffokaw fuq l-essenzjali

4 PAK: is-semplifikazzjoni teħtieġ is-sens komun. L-opinjoni tal-KESE titlob għal tnaqqis fil-burokrazija għall-bdiewa

## Eroj taċ-ċikliżmu jitolbu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex jesperjenzaw id-diżabbiltà personalment għal jum wieħed biss

Fl-14 ta' Diċembru 2015, il-KESE, flimkien man-NU, ospita l-wiri tal-film *El desorden de los sentidos* (Id-diżordni tas-sensi), dwar żewġ ċiklisti żgħażagħ minn Spanja b'diżabbiltà, Gerardo u Antonio, li fl-2013 għamlu l-"Camino de Santiago" bir-rota mal-familji tagħhom. It-tim issa wasal Brussell sabiex iqajmu kuxjenza dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabbiltà fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum u biex jinfluwenzaw il-leġislazzjoni tal-UE li jmiss.





Irene Hens, produttriċi tal-film, Alejandro González Salgado, direttur tal-film, Javier Luque, missier Antonio Luque Aumente, Gerardo Fernández Costa u Javier Pitillas, il-kowċ tiegħu

L-avveniment, li sar fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali reċenti dwar id-Diżabbiltà u li sar eżatt wara l-pubblikazzjoni tal-Att il-ġdid tal-UE dwar l-Aċċessibbiltà, kien ġrajja importanti għan-nies li jgħixu b'diżabbiltà fl-Ewropa. It-tim tal-film u l-familji taw xhieda tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u l-ħtiġijiet tagħhom. Iż-żewġ familji qalu lill-KESE li, minkejja li kisbu ħafna affarijiet, l-affarijiet sempliċi ħafna tal-ħajja baqgħu sfida reali għal persuni li jgħixu b'diżabbiltà: l-aċċess għall-postijiet pubbliċi, is-suq tax-xogħol u s-servizzi soċjali u pubbliċi kienu ta' glieda kontinwa. Meta l-moderatur, Pavel Trantina, membru tal-KESE u President tas-Sezzjoni għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC) li stiednet lil Gerardo u lil Antonio, staqsa dwar il-messaġġ li kellhom għall-istituzzjonijiet tal-UE, Javier Luque, missier Antonio, wieġeb billi talab lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE biex iqattgħu ġurnata waħda jgħixu malisfidi reali tad-diżabbiltà u jifhmuhom qabel jiddeċiedu dwar it-test finali tal-Att il-ġdid dwar l-Aċċessibbiltà.

Pavel Trantina qal: "L-UE għad għandha ħafna x'tagħmel biex tidħol għal kollox f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabilità. Il-pubblikazzjoni tant mistennija tal-Kummissjoni Ewropea tal-UE dwar l-aċċessibilità hija pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda għandna bżonn li nqiegħdu fl-istampa lin-nies li jgħixu b'diżabilità, bħal Gerardo u Antonio, u niżguraw li l-ħtiġijiet tagħhom ikunu sodisfati."

Il-KESE ser iħejji opinjoni dwar l-Att il-ġdid tal-UE dwar l-Aċċessibbiltà kmieni fl-2016 u x-xhieda ta' Gerardo u missier Antonio se jservu bħala ispirazzjoni għall-membri tiegħu. Il-KESE waqqaf ukoll grupp ta' studju permanenti biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU, biex jikkontribwixxi fit-tfassil tal-politika tal-UE dwar dan is-suġġett u biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà. (aj)

## Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili 2015: ħames organizzazzjonijiet rikonoxxuti għall-ġlieda kontra l-faqar



Il-ħames organizzazzjonijiet rebbieħa waqt is-sessjoni plenarja tal-KESE

Il-ħames inizjattivi rebbieħa jipprovdu stampa ċara tal-ħidma li qed issir minn eluf ta' gruppi volontarji u NGOs madwar l-Ewropa. Kull proġett jindirizza t-tema għall-2015 tal-faqar bil-mod partikolari tiegħu. L-inizjattiva Ġermaniża u dik Finlandiża ngħataw EUR 11 500 kull waħda. It-tliet inizjattivi mill-Irlanda, Franza u l-Polonja ngħataw EUR 9 000 kull waħda.

Kull organizzazzjoni ġiet mistoqsija x'impatt ser ikollu l-premju fuq ix-xogħol tagħha:

### Rebbieħa tal-ewwel premju
**Armut und Gesundheit in Deutschland (il-Ġermanja)**

"Minbarra li jikkontribwixxi għar-reputazzjoni tajba tagħna li tiżgura l-bażi finanzjarja ta' ħidmitna, il-Premju għas-Soċjetà Ċivili ser isaħħaħ il-promozzjoni u l-kampanji favur it-titjib tal-kura tas-saħħa għal persuni fil-bżonn permezz tax-xena politika. Is-sentiment ta' solidarjetà mill-qrib ma'

>>> paġna 2

www.eesc.europa.eu

# Il-migranti u r-refuġjati fil-qalba tal-plenarja ta' Diċembru

Il-migrazzjoni u l-kriżi tar-refuġjati kienu l-enfasi tal-plenarja ta' Diċembru tal-KESE. L-assemblea adottat erba' opinjonijiet li indirizzaw aspetti differenti tal-migrazzjoni (ara l-kaxxa hawn isfel), mill-Pjan ta' Azzjoni kontra l-kuntrabandu tal-migranti u l-Aġenda tal-UE dwar il-migrazzjoni sal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri u ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' kriżi. Ma' dawn, il-KESE adotta riżoluzzjoni dwar il-kriżi tar-refuġjati, u li aħna għamilniha disponibbli għall-qarreja fuq l-istess paġna tal-KESE Info.

Għall-KESE, id-diskrepanzi fost l-Istati Membri tal-UE dwar kif jitrattaw l-influss ta' mijiet ta' eluf ta' refuġjati u migranti wrew biċ-ċar li l-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti sistema komuni tal-asil flimkien ma' proċeduri armonizzati.

Is-sitwazzjoni kumplessa li hemm bħalissa titlob sforzi komuni biex jakkomodaw lir-rifuġjati u jallokawhom fi ħdan l-UE. Il-KESE jemmen li l-mekkaniżmu l-ġdid ta' rilokazzjoni għandu jkun permanenti. Huwa importanti wkoll li l-Ewropa tassigura l-fruntieri tagħha bi sforz komuni, pjuttost milli bi sforz nazzjonali.

**„Neħtieġu aktar responsabbiltà, aktar solidarjetà u aktar Ewropa"** kienet it-talba komuni fl-assemblea tal-KESE. Il-KESE fakkar lill-Istati Membri tal-UE li l-Unjoni hija mibnija fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri kollha, u li sa ftit ilu din is-sistema ħadmet tajjeb ħafna. (sma/dm)

## Riżoluzzjoni tal-KESE dwar ir-refuġjati

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din ir-riżoluzzjoni fl-10 ta' Diċembru b'174 vot favur, 8 voti kontra u 9 astensjonijiet.

*Il-KESE japprezza bis-sħiħ il-ħidma importanti li qed twettaq is-soċjetà ċivili biex tindirizza s-sitwazzjoni tar-refuġjati li qed jaħarbu mill-pajjiżi mifnija bil-gwerer, u li, għalhekk, jistħoqqilhom il-protezzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Mingħajr dan, is-sitwazzjoni umanitarja traġika li feġġet f'ħafna pajjiżi Ewropej setgħet kienet katastrofika. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa impenjat direttament li jagħti vuċi lil din ir-realtà, li jiżgura li titqies b'mod xieraq mill-istituzzjonijiet Ewropej, il-gvernijiet u atturi politiċi oħra.*

*Il-KESE bħalissa qed jorganizza żjarat biex jiltaqa' ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joffru assistenza lir-refuġjati fi 11-il Stat Membru (l-Ungerija, il-Polonja, Malta, il-Greċja, il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovenja, il-Bulgarija, l-Iżvezja, l-Italja, il-Kroazja) u t-Turkija, peress li dawn il-pajjiżi huma affettwati l-aktar mill-flussi ta' refuġjati. Bħala l-korp li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili organizzata fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej aħna ser naġixxu bħala l-vuċi tagħhom fuq livell Ewropew.*

*Il-KESE jemmen li s-sitwazzjoni attwali teħtieġ li l-UE tiżviluppa kurituri umanitarji siguri għar-refuġjati minn pajjiżi milquta mill-gwerer u mhedda mit-terroriżmu u dan għandu jsir flimkien mal-pajjiżi fejn dawn ir-refuġjati huma kkonċentrati l-aktar. Lil hinn minn dan, irridu nistabbilixxu sistema Ewropea ta' asil verament komuni bbażata fuq proċeduri armonizzati madwar l-UE. Dan jinkludi status uniformi ta' ażil u rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ażil, responsabbiltà u solidarjetà kondiviżi u sforzi fir-rigward tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, u Regolament ta' Dublin rivedut. Barra minn hekk, jinħtieġu sistemi solidali u robusti ta' kondiviżjoni tal-piż, fejn soluzzjoni permanenti, ġusta u vinkolanti għad-distribuzzjoni ta' dawk li jkunu qed ifittxu protezzjoni fil-pajjiżi kollha tal-UE tkun l-ewwel pass. Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u b'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-ispejjeż addizzjonali għall-akkoljenza tar-refuġjati m'għandhomx, wara analiżi bir-reqqa, ikunu rikonoxxuti fid-deficits pubbliċi tal-Istati Membri.*

*Il-KESE huwa kkonċernat ħafna wkoll dwar l-imminar attwali tal-Ftehim ta' Schengen u tal-prinċipju tal-moviment liberu, minħabba li huwa wieħed mill-kisbiet fundamentali ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tal-UE. Huwa importanti li l-fruntieri esterni tal-pajjiżi Schengen ikollhom sigurtà adegwata. Madankollu, it-tqegħid mill-ġdid tal-barrikati interni u l-bini ta' ħitan m'huma se jagħmlu xejn biex jgħaqqdu liċ-ċittadini tal-UE jew biex irawmu ċ-ċittadinanza tal-UE.*

*Huwa kruċjali wkoll li jiġu żviluppati miżuri immedjati biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi attwali ta' refuġjati. L-UE trid taħdem mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu fuq dawn il-kwistjonijiet u l-KESE jinsisti fuq l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li għandu jittieħed mill-Kummissjoni għal din il-kooperazzjoni, u mhux biss approċċ imsejjes fuq is-sigurtà. Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi inkluża s-soċjetà ċivili fid-djalogu mal-pajjiżi terzi.*

*Il-KESE, bl-esperjenza fit-tul tiegħu b'rabta mal-kwistjonijiet ta' migrazzjoni, f'dawn l-aħħar snin l-iktar permezz tal-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni/Migrazzjoni, jemmen li l-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-refuġjati fis-soċjetajiet tagħna għandhom ikunu proċess f'żewġ direzzjonijiet fejn l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, flimkien mal-gvernijiet u l-awtoritajiet lokali, jaqdu rwol essenzjali. Għandha tingħata prijorità lill-aċċess għas-suq tax-xogħol u, b'mod aktar speċifiku, lir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-forniment ta' taħriġ vokazzjonali u fil-lingwi fejn meħtieġ. L-Unjoni Ewropea għandha tniedi sensiela ta' miżuri fil-pajjiżi ta' akkoljenza u fl-UE sabiex tiċċentralizza l-applikazzjonijiet għall-impjieg, it-taħriġ, u r-rikonoxximent tal-ħiliet.*

*Sabiex jinħoloq il-kunsens soċjali meħtieġ fl-Ewropa, huwa essenzjali li jiġu rispettati bis-sħiħ it-trattament ugwali u d-drittijiet soċjali kemm taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll tar-refuġjati fl-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli fosthom. L-investiment bikri fl-integrazzjoni tar-refuġjati fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol huwa importanti biex jgħin lir-refuġjati jibnu ħajjithom mill-ġdid, filwaqt li jiġu minimizzati konflitti potenzjali mal-popolazzjoni lokali u jiġu evitati spejjeż ogħla fil-ġejjieni. Finanzjament adegwat ta' servizzi pubbliċi lokali u djalogu ċivili bejn ir-refuġjati u l-popolazzjoni lokali huma kruċjali sabiex jintlaħaq dan l-għan.*



Il-missjoni tal-KESE fil-Greċja – Ċentru ta' akkoljenza ta' emerġenza f'Eidomeni

## Il-ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni: 12-il missjoni tal-KESE ta' ġbir ta' informazzjoni sa Frar

Bħala parti mill-isforzi tiegħu biex isib mod biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati fl-Ewropa, il-KESE qed jorganizza sensiela ta' żjarat fi 12-il pajjiż sabiex jisma' b'mod dirett mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-post mal-immigranti u r-refuġjati. Iż-żjarat ser isiru bejn Diċembru 2015 u Frar 2016, u huma mmirati għall-ġbir tal-informazzjoni biex jidentifikaw strateġiji possibbli biex ilaħħqu mal-influss tar-refuġjati, u biex ikun stabbilit sett tal-aħjar prattiki u politiki li jistgħu jikkontribwixxu għal proċess bla xkiel, ta' akkoljenza, rilokazzjoni u/jew integrazzjoni tar-refuġjati. Il-missjonijiet jiffurmaw parti mill-programm tal-Kumitat "Going local" u għandhom l-intenzjoni li jidentifikaw il-problemi u l-ħtiġijiet, kif ukoll is-suċċessi u l-aħjar prattiki ta' diversi organizzazzjonijiet attivi fil-kriżi attwali tar-refuġjati.

L-għan aħħari tal-missjonijiet huwa li jipprovdi kontribut dokumentat u fondat tajjeb fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE, kif ukoll bħala segwitu tal-Opinjoni tal-KESE dwar *L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni: It-tieni pakkett ta' implimentazzjoni*. Huma qed isiru minn delegazzjoni li tinkludi tliet membri tal-KESE u diġà saru fl-Awstrija, l-Iżvezja, il-Greċja, l-Ungerija u l-Ġermanja. Saru żjarat fil-Kroazja u s-Slovenja fl-ewwel nofs ta' Jannar, filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin ser isiru żjarat fl-Italja, il-Polonja, Malta, il-Bulgarija u t-Turkija. (mm)

## Pakkett dwar il-migrazzjoni

L-opinjonijiet li ġejjin ġew diskussi u adottati fis-sessjoni plenarja ta' Diċembru 2015:

### *Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015-2020)*

Il-KESE jappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni, iżda jirrakkomanda approċċ aktar komprensiv li jagħti dettalji dwar kif l-UE se tipproteġi u tgħin lill-vittmi. Huwa jtenni s-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU „biex jiġu kkunsidrati żieda fir-rotot sikuri u legali lejn l-Ewropa", jirrakkomanda li l-EASO jingħata setgħat akbar biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu fi Stati Membri li għandhom bżonn ta' appoġġ speċifiku, li l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tintuża biex jiġu indirizzati l-kawżi soċjoekonomiċi fundamentali tal-kuntrabandu tal-migranti u biex tingħata aktar attenzjoni għall-finanzjament sistematiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu għajnuna kritika lill-migranti.

Votazzjoni: adottata b'176 vot favur, 3 voti kontra u 5 astensjonijiet

### *Lista Ewropea ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri*

Il-KESE jirrakkomanda d-definizzjoni ta' kriterji preċiżi li jevalwaw jekk pajjiż għandhux jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, abbażi, fost l-oħrajn, ta' informazzjoni aġġornata minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Il-KESE jemmen li l-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur taħt l-ebda ċirkustanza ma għandu jiġi applikat għal pajjiżi fejn hemm ksur tal-libertajiet demokratiċi. Jirrakkomanda mekkaniżmu aktar flessibbli biex tkun emendata l-lista sabiex ikun hemm lok għal reazzjoni għal ċirkostanzi li qed jinbidlu f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u jemmen li huwa meħtieġ li l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-ombudsmen u l-kunsilli ekonomiċi u soċjali jkunu jistgħu jibdew il-proċedura ta' emenda.

Votazzjoni: adottata b'180 vot favur, 4 voti kontra u 6 astensjonijiet

### *Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*

Il-KESE jemmen li l-UE għandha twaqqaf sistema tal-asil tassew komuni, bi status uniformi u rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet, ir-responsabbiltà u l-qsim tal-piżijiet. Iqis li l-ispiża għan-nuqqas ta' integrazzjoni tal-immigranti taqbeż sew l-ispiża tal-integrazzjoni, u jemmen li hemm bżonn ta' sforz Ewropew għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni. Il-politiki esterni kollha tal-UE għandhom jiffokaw fuq l-għajnuna biex il-pajjiżi ta' oriġini jilħqu livell raġonevoli ta' sigurtà, stabbiltà u prosperità. L-infiq imġarrab mill-Istati Membri b'rabta mal-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati m'għandux jiġi inkluż fil-kalkolu tad-deficit baġitarju strutturali.

Votazzjoni: adottata b'161 vot favur, 10 voti kontra u 7 astensjonijiet

### *Mekkaniżmu permanenti ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi skont is-sistema ta' Dublin*

Il-KESE jixtieq jara l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni stabbilit bi tweġiba għall-kriżi tar-refuġjati attwali inkluż fi strateġija ġenerali, b'sistema permanenti, ġusta u vinkolanti ta' tqassim ta' dawk li jfittxu protezzjoni bejn il-pajjiżi kollha tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jappoġġjaw b'mod attiv lill-Istati Membri biex jipprovdu kundizzjonijiet xierqa għall-integrazzjoni tal-applikanti għall-asil rilokati.

Votazzjoni: adottata b'152 vot favur, 6 voti kontra u 13-il astensjoni

**Ikompli ma' paġna 1**

**Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili 2015: ħames organizzazzjonijiet rikonoxxuti għall-ġlieda kontra l-faqar**

istituzzjoni bħall-KESE jirrappreżenta għarfien għall-ħidma tal-persunal tagħna".

### The Y Foundation (il-Finlandja)

„Dan it-tip ta' rikonoxximent Ewropew huwa importanti ħafna għax iservi ta' motivatur kbir għall-persunal tagħna. Huwa importanti wkoll fil-livell nazzjonali u jfisser ħafna għalina għax jgħin biex il-ħidma tagħna fil-Finlandja ssir aktar magħrufa. Dan jagħtina post aktar prominenti fil-Finlandja fost il-fondazzjonijiet u l-NGOs li jaħdmu fis-settur".

### Rebbieħa tat-tieni premju ANDES (Franza)

„L-organizzazzjoni tagħna hija magħmula minn persuni ddedikati fil-ħidma tagħhom. Tassew noperaw bħala tim fi sħubija ma' bosta assoċjazzjonijiet fil-livell lokali bl-appoġġ ta' voluntiera. Aħna naħdmu ma' bdiewa fuq skala żgħira, ma' benefiċjarji tal-għajnuna tal-ikel u ma' persuni f'sitwazzjonijiet prekarji. Għal kull waħda minn dawn il-persuni, dan il-premju ikun ifisser rikonoxximent Ewropew sinifikanti u ta' sodisfazzjon kbir għall-persuni kollha involuti!"

### Third Age (l-Irlanda)

„Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili se jippermettilna naqsmu l-mudell tagħna ma' udjenza usa'. Fáilte Isteach sabet soluzzjoni effettiva biex tappoġġja lill-migranti biex itejbu l-kwalità ta' ħajja tax-xogħol u soċjali tagħhom, biex jipparteċipaw aktar fil-komunità tagħhom u jrawmu ħbiberiji dejjiema. Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili ser ikun ta' appoġġ għalina biex naqsmu dan il-kunċett sempliċi imma effettiv ma' ħafna aktar komunitajiet madwar l-Irlanda u potenzjalment madwar l-UE."

### Barka Foundation for Mutual Help (il-Polonja)

„Il-premju ser isaħħaħ b'mod sinifikanti r-rwol ta' Barka fl-iżvilupp soċjali fil-livell internazzjonali. Reċentement il-Barka Foundation kienet avviċinata minn NGOs u istituzzjonijiet mill-Maċedonja u s-Serbja li huma interessati li jwaqqfu sistema identika għal dik fil-Polonja biex jinħolqu sħubijiet lokali, ċentri ta' integrazzjoni soċjali u intrapriżi soċjali fil-komunitajiet tagħhom. Barka qed taħdem ukoll mad-dijaspora Afrikana fl-Ewropa kif ukoll ma' komunitajiet lokali fil-Kenja u fl-Etjopja." (sg)

# Il-Presidenza Netherlandiża tal-UE: niffokaw fuq l-essenzjali

Fl-1 ta' Jannar 2016, in-Netherlands ser ikun is-suċċessur tal-Lussemburgu għall-Presidenza tal-UE. It-tmexxija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mhux ser tkun kompitu faċli fi żmien ta' tensjonijiet minħabba l-influss massiv ta' refuġjati u migranti, it-theddida ta' attakki terroristiċi, il-fatt li l-appoġġ pubbliku għall-UE jinsab fl-aktar livell baxx kif ukoll minħabba r-referendum Britanniku li ser isir dalwaqt.




"Unjoni li tiffoka fuq l-essenzjali, Unjoni li tiffoka fuq it-tkabbir u l-impjiegi permezz tal-innovazzjoni, u Unjoni f'rabta mas-soċjetà ċivili" ser ikunu l-prinċipji gwida tal-Presidenza Netherlandiża, li stabbilixxiet il-prijoritajiet li ġejjin:

- **Il-migrazzjoni u s-sigurtà internazzjonali**
- **L-Ewropa bħala innovatriċi u li toħloq l-impjiegi**
- **Finanzi sodi u żona tal-euro robusta**
- **Politika dwar il-klima u l-enerġija li tħares 'il quddiem**

Il-KESE jaqbel mal-enfasi tal-Gvern Netherlandiż fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Georges Dassis, il-President tal-KESE laqa' wkoll l-appell tal-Gvern Netherlandiż għal "Unjoni li tgħaqqad" u l-insistenza tiegħu fuq il-valuri fundamentali u l-ħtieġa għal appoġġ pubbliku, u, fuq kollox, fuq il-ħtieġa għall-"involviment attiv taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili". „Jekk il-Presidenza Netherlandiża tadotta dan l-għan u tippresiedi l-Kunsill f'dan l-ispirtu, jekk tista' tkun kburija li tgħid li semgħet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, allura l-Kumitat tagħna mhux biss ser ikun lest li jirrispondi malajr għal kwalunkwe talba għal opinjoni, iżda l-Presidenza mhux ser issib alleat aktar b'saħħtu." (Ara l-fuljett *The EESC priorities during the Dutch presidency – January – June 2016* (*Il-prijoritajiet tal-KESE matul il-Presidenza Netherlandiża – Jannar-Ġunju 2016*)).

Il-Presidenza Netherlandiża talbet diversi opinjonijiet esploratorji tal-KESE:

- Id-dimensjoni esterna tal-politika tal-enerġija tal-UE;
- Sistemi tal-ikel aktar sostenibbli;
- Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Ewropew
- L-integrazzjoni tar-refuġjati fl-UE
- Il-ġlieda kontra l-faqar;
- L-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet tal-impjieg u l-impatt ta' dan fuq iż-żamma ta' paga li tiggarantixxi l-għajxien;
- L-innovazzjoni bħala mutur għal mudelli ekonomiċi ġodda;
- L-ekonomija kollaborattiva u l-awtoregolamentazzjoni;
- Mobilità iżjed ġusta tal-forza tax-xogħol fi ħdan l-UE;
- Il-futur tal-Aġenda Urbana tal-UE.

Dawn l-opinjonijiet huma skedati li jiġu finalizzati fir-rebbiegħa tal-2016. (dm/amw)

# Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa tal-Kummissjoni Ewropea u jħeġġeġ l-implimentazzjoni tagħha



© Nieuwland / Shutterstock.com

L-avjazzjoni għandha impatt wiesa' ħafna fuq it-tkabbir ekonomiku. Is-sistema tat-trasport bl-ajru tiġġenera benefiċċji lil hinn mill-industrija tal-avjazzjoni proprja. Is-settur tal-avjazzjoni jimpjega kważi 2 miljun persuna u jikkontribwixxi EUR 110 biljun għall-ekonomija tal-Ewropa.

Il-Kummissjoni Ewropea identifikat 4 prijoritajiet ewlenin fl-Istrateġija tagħha tal-Avjazzjoni għall-Ewropa: li l-UE tiġi stabbilita bħala attur ewlieni fl-avjazzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwivalenti; li jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku fl-ajru u fuq l-art; li jinżammu l-istandards għoljin tal-UE dwar is-**sikurezza**, is-**sigurtà**, l-**ambjent**, **kwistjonijiet soċjali** u d-**drittijiet tal-passiġġieri**; u li jsir progress dwar l-innovazzjoni, it-teknoloġiji diġitali u l-investimenti.

F'Settembru tal-2015, il-KESE identifika sensiela ta' passi konkreti li huma meħtieġa biex tinkiseb **Politika tal-Avjazzjoni Integrata tal-UE**. Sabiex tibqa' kompetittiva, **l-UE teħtieġ strateġija komprensiva u koerenti tal-Avjazzjoni għall-UE**, li tneħħi piżijiet mhux meħtieġa li jdgħajfu l-valur tan-netwerk tal-avjazzjoni, li tippromovi kunsens globali dwar is-sostenibbiltà u tirrifletti l-valuri taċ-ċittadini u negozji Ewropej. *„Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE identifika 6 oqsma fejn għandha tittieħed azzjoni biex tingħata spinta lill-kompetittività: is-sikurezza, il-konnettività, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, id-dimensjoni soċjali u l-kompetizzjoni globali. Il-muftieħ għas-suċċess ser tkun l-implimentazzjoni. Biex nirnexxu neħtieġu l-kooperazzjoni u l-involviment tar-rappreżentanti kollha tal-katina ta' valur tal-avjazzjoni,"* qal Jacek Krawczyk, ir-relatur għall-Opinjoni tal-KESE dwar **il-Politika tal-Avjazzjoni Integrata tal-UE**, Anne Demelenne, ir-relatur għall-Opinjoni tal-KESE dwar **id-Dumping Soċjali fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni ċivili**, adottata wkoll f'Settembru, laqgħat bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex tissaħħaħ l-aġenda soċjali u jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja fis-settur tal-avjazzjoni. Madankollu, hija insistiet li għandu jsir aktar biex jiġi miġġieled id-dumping soċjali. (sg)

# It-TTIP – X'hemm rilevanti għall-imsieħba soċjali?

## Il-KESE jappoġġja djalogu kostruttiv mal-imsieħba soċjali



Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew mal-President tal-KESE Georges Dassis, waqt il-konferenza tat-TTiP

F'Novembru 2015, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) stieden lill-imsieħba soċjali Ewropej biex jiddiskutu s-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) – li bħalissa qed tiġi negozjata bejn l-Istati Uniti u l-Ewropa – ma' Cecilia Malmström, Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ; Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew; Xavier Bettel, Prim Ministru tal-Lussemburgu; Georges Dassis, President tal-KESE, u rappreżentanti oħrajn. Id-diskussjonijiet li saru wrew li għad hemm ħafna mistoqsijiet mhux imwieġba. Il-parteċipanti appellaw għal negozjati trasparenti, informazzjoni komprensiva – li turi b'mod ċar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-TTIP – u involviment akbar tal-imsieħba soċjali.

Il-President, Dassis, fisser il-viżjoni tiegħu għal ftehim aċċettabbli mal-Istati Uniti: *„Għalija, TTIP li tirnexxi trid tkun kapaċi tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi għal kumpaniji żgħar, ta' daqs medju u anke kbar b'mod indaqs, kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fl-Ewropa; għandha tiżgura impjiegi u tistimola l-ħolqien tal-impjiegi filwaqt li tiggarantixxi d-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu; bl-appoġġ tal-ikbar żewġ ekonomiji għandha ssawwar l-istandards ambjentali u soċjali madwar id-dinja. Ir-riskji huma kbar u huwa importanti li l-imsieħba soċjali jiġu inklużi. Dan il-ftehim għandu jiġi msaħħaħ permezz ta' aġenda soċjali u sostenibbli u m'aħniex se naċċettaw l-ebda tnaqqis tal-istandards tagħna."*

**Jacek Krawczyk** żied jgħid li *„Il-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli għandu jinkludi mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili xieraq. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-TTIP hija essenzjali".*

**Gabriele Bischoff** enfasizzat li l-għadd u l-kwalità ta' impjiegi maħluqa huwa importanti. *„Irridu nkunu kapaċi nivvalutaw il-benefiċċji kontra r-riskji u nieħdu l-miżuri neċessarji biex innaqqsu l-effetti negattivi."*

Għal **Luca Jahier** *„in-negozjati tat-TTIP huma l-aktar negozjati trasparenti li qatt saru mill-UE".* (sma)

# Id-drittijiet tal-vittmi: issa realtà fl-UE




Walker Shaw, relatur tal-KESE dwar id-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittma, Maggie Hughes u Levent Altan Direttur Eżekuttiv ta' Victim Support Europe

Fid-19 ta' Novembru 2015, il-KESE ospita dibattitu dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, fil-preżenza ta' Maggie Hughes, omm Robbie, vittma ta' attakk serju fil-Greċja li ħallieh b'korrimenti f'moħħu għall-bqija ta' ħajtu. Meta skopriet li ma kien hemm ebda għajnuna, appoġġ jew pariri għaliha u għal binha, hi ddeċidiet li tieħu azzjoni u tiġġieled għad-drittijiet tal-vittmi.

L-eżitu ta' din il-ġlieda kien li fl-2012, bl-appoġġ tal-KESE, hija għenet biex tiġi influwenzata l-leġislazzjoni tal-UE għall-appoġġ tal-vittmi tal-kriminalità fl-UE. Id-Direttiva għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi għandha tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha u ċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jinvokaw id-dritt tagħhom għal valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom u trattament b'rispett, għal informazzjoni li tinftiehem dwar id-drittijiet u l-każ tagħhom, u għal aċċess għall-appoġġ u protezzjoni għall-vittmi.

Is-Sinjura Walker Shaw, relatur tal-KESE dwar id-Direttiva, ressqet il-każ ta' Robbie Hughes għall-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE l-ewwel darba matul seduta tal-KESE fl-2011. Hija esprimiet is-sodisfazzjon tagħha li rat id-Direttiva stabbilita għall-appoġġ u l-protezzjoni taċ-ċittadini fil-bżonn, u ħabbret id-deċiżjoni tagħha li ser tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni fl-Istati Membri sabiex dawn id-drittijiet isiru realtà prattika.

Maggie Hughes irrikonoxxiet li d-drittijiet il-ġodda fl-aħħar mill-aħħar se jipprovdu liċ-ċittadini madwar l-Ewropa bil-protezzjoni xierqa li l-vittmi tal-kriminalità jeħtieġu, filwaqt li Levent Altan, Direttur Eżekuttiv tal-Victim Support Europe, li ġie mistieden jitkellem waqt dibattitu tal-KESE, enfasizza l-isforzi li saru mill-organizzazzjoni tiegħu u appella lill-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ emozzjonali u prattiku li jgħin lill-vittmi jirkupraw. (cad)

# Il-ftehim COP21: bidu promettenti

Fl-aħħar, pressjoni miċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili fl-Ewropa u f'partijiet oħra tad-dinja donnha rnexxielha tikkonvinċi lill-mexxejja dinjin biex jiffirmaw ftehim u jaqdu l-parti tagħhom biex iżommu t-temperatura globali taħt it-2°C – u ideal-ment 1.5°C –.meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

*"L-iffirmar tal-ewwel ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima huwa mument storiku. Dan jirrappreżenta pass importanti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,"* qal il-President tal-KESE, is-Sur Dassis fl-ewwel reazzjoni tiegħu għall-Ftehim ta' Pariġi. Il-KESE ilu attiv fil-qasam tat-tibdil fil-klima għal ħafna snin, u mmonitorja n-negozjati kif ukoll abbozza rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE. Issa jinsab lest li jieħu sehem bis-sħiħ fi sforz konġunt li huwa kruċjali għall-pjaneta.




Georges Dassis, President tal-KESE, mal-membri tal-panel waqt il-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Klima fl-2015 (COP21)

## Is-soċjetà ċivili fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi

F'ħafna komunitajiet madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili diġà huma l-ixpruni tal-bidla sostenibbli. Huma għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex tiżdied l-azzjoni u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Ir-rwol u l-involviment tagħhom żgur li ser ikun essenzjali fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda f'Pariġi.

Il-komunità internazzjonali għandha tuża l-momentum ta' dan it-trattament storiku biex jibdew jeqilbu l-Ftehim f'azzjoni konkreta. (sma)

# PAK: is-semplifikazzjoni teħtieġ is-sens komun

## L-opinjoni tal-KESE titlob għal tnaqqis fil-burokrazija għall-bdiewa



© Kirill Trubitsyn/ Shutterstock.com

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea għamlitha prijorità li jiġi ssemplifikat il-proċess għall-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Aktar trasparenza u ċertezza legali għandhom jimxu id f'id mat-tnaqqis fil-burokrazija għall-bdiewa, benefiċjarji oħra, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. PAK semplifikata għandha tiġi implimentata mill-iktar fis possibbli u l-bdiewa għandhom jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa u b'appoġġ ibbażat fuq l-informazzjoni.

Il-baġit tal-PAK jammonta għal 38 % tal-baġit annwali tal-UE. Huwa importanti li jkun hemm regoli preċiżi li jirregolaw l-użu ta' dan il-flus filwaqt li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda. Evalwazzjoni kkummissjonata mill-KE wriet li bir-riforma tal-PAK preċedenti, il-burokrazija żdiedet b'minn 15 sa 20 %.

Il-KESE jirrakkomanda li jitressqu proposti bbażati fuq il-lista ta' prijorità tal-miżuri ta' semplifikazzjoni mfassla mill-Kunsill Agrikolu u l-Presidenza. Għall-Kumitat, huwa partikolarment importanti li wieħed iħares lejn il-konsistenza tar-rekwiżiti attwali, inklużi l-impatt tagħhom fuq l-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, id-disponibbiltà tal-ikel u l-ħolqien tal-impjiegi. Dan għandu jsir sabiex jiġu stabbiliti liema rekwiżiti huma meħtieġa u liema jeħtieġu li jiġu adattati jew jitneħħew. Huwa jirrakkomanda li l-burokrazija tiġi mqiġġielda billi r-regoli eżistenti jkunu jistgħu jiġu eliminati meta jiġu adottati regoli ġodda.

Filwaqt li l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva biex il-pagamenti diretti jsiru aktar ekoloġiċi bħala parti mir-riforma tal-PAK, huwa jappella wkoll għal aktar flessibilità fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ekoloġizzazzjoni, biex jitqiesu fatturi esterni mhux mistennija bħall-kundizzjonijiet tat-temp, nixfa jew flussi fil-prezzijiet li jagħmlu l-miżuri mhux raġonevoli jew saħansitra impossibbli biex jiġu implimentati.

Huwa ġeneralment aċċettat li n-nuqqas ta' konformità għandu jiġi penalizzat. Madankollu, l-ispezzjonijiet u possibilment il-multi għandhom ikunu proporzjonati mal-ammont tal-flus riċevut mill-benefiċjarju kif ukoll ma' kemm ikun serju l-ksur.

L-opinjoni tal-KESE ġiet adottata fis-Sessjoni Plenarja ta' Diċembru b'196 vot favur, 9 voti kontra u 26 astensjoni. (sma)

# FIL-QOSOR

## Espert tal-KESE dwar l-ekonomija kondiviża jirrappreżenta lill-Kumitat fil-Korea t'Isfel

Il-membru tal-KESE u relatur għall-ekonomija kondiviża **Bernardo Hernández Bataller** irrappreżenta lill-KESE fil-Forum Internazzjonali 2015 għat-Titjib tas-Settur tas-Servizzi, „Dissemination of the Sharing Economy: Issues and Solutions", li sar fid-19 u l-20 ta' Novembru fil-Korea t'Isfel. Il-forum ipprovda opportunità unika għall-parteċipanti kollha sabiex jiskambjaw is-sejbiet tar-riċerka u l-esperjenzi fil-qasam tal-ekonomija kondiviża. Kien ukoll okkażjoni biex jiġu diskussi prattiki avvanzati fil-livell globali u jiġu żviluppati miżuri regolatorji effiċjenti li jipproteġu u jsaħħu l-industriji tal-ekonomija kondiviża. Is-Sur Hernández Bataller kien l-uniku kelliem li ta perspettiva Ewropea dwar is-suġġett, li kienet apprezzata ħafna mill-parteċipanti tal-konferenza. Għal aktar dettalji dwar il-kontribut tal-KESE għall-ekonomija kollaborattiva jekk jogħġbok ikkonsulta l-opinjoni tal-KESE dwar *Il-konsum kollaborattiv jew parteċipattiv: mudell ta' sostenibbiltà għas-seklu XXI.* (sg)




Bernardo Hernández Bataller (it-tielet mix-xellug), membru tal-KESE waqt il- Forum Internazzjonali 2015 għat-Titjib tas-Settur tas-Servizzi

## Is-Summit Euromed: Id-djalogu tas-soċjetà ċivili tal-Mediterran – pont lejn is-solidarjetà

### Il-Kwartett tad-Djalogu Nazzjonali Tuneżin bħala mudell

*"Wasal iż-żmien li l-istati fir-reġjun Ewro-Mediterranju fl-aħħar jimplimentaw fil-prattika l-impenn ta' Barċellona".* Din kienet l-opinjoni unanima tal-parteċipanti fl-20 Summit tal-Euromed, organizzat mill-KESE fit-30 ta' Novembru, li ċċelebra 20 sena mit-tnedija tal-Proċess ta' Barċellona.

*"L-istabbilizzazzjoni tar-reġjun u s-sigurtà tiegħu għandhom jimxu id f'id mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. Is-sigurtà tal-bniedem għandha tkun fil-qalba tad-deċiżjonijiet kollha"*, qal il-President tal-KESE, Georges Dassis fil-bidu tal-laqgħa.

Dikjarazzjoni komuni sejħet għal edukazzjoni aħjar u opportunitajiet għaż-żgħażagħ u n-nisa fir-reġjun u r-rikonoxximent tal-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili msejsa fuq prinċipji demokratiċi. Huwa appella wkoll għal politika komuni ġenwina tal-migrazzjoni u l-asil (għal aktar informazzjoni ara s-sit tal-internet tal-KESE).

Parteċipanti minn kunsilli tas-soċjetà ċivili impenjaw ruħhom li jkomplu l-kooperazzjoni tagħhom fis-segwitu tal-PEV il-ġdida kif ukoll li tiġi intensifikata l-ħidma dwar it-tibdil fil-klima, fid-dawl tal-konferenza tal-COP 22 li ser issir fil-Marokk. (sma)

# DALWAQT FIL-KESE

## *L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! 2016 – KESE – 17-19 ta' Marzu 2016*

### Nagħtu leħen liż-żgħażagħ




Għas-seba' sena konsekuttiva, il-KESE, leħen is-soċjetà ċivili, qed jaġixxi biex jiżgura li l-fehmiet, l-esperjenzi u l-ideat tal-ġenerazzjoni żagħżugħa jinstemgħu.

Il-KESE se jistieden żgħażagħ ta' bejn is-16 u s-17-il sena minn madwar l-UE, u għall-ewwel darba mill-ħames pajjiżi kandidati (l-Albania, it-Turkija, il-Montenegro, is-Serbja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja), biex jiġu Brussell u jiddiskutu dwar il-kwistjoni importanti tal-**migrazzjoni**.

Il-kriżi tar-refuġjati rat sitwazzjonijiet ta' solidarjetà u tjubija umana kbira min-naħa tal-pubbliku Ewropew. Filwaqt li l-gvernijiet huma responsabbli għal politika dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni tirrikjedi wkoll il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, pereżempju fuq il-post tax-xogħol, fl-iskejjel u fil-komunitajiet lokali.

Se tingħażel bix-xorti skola minn kull pajjiż, u tliet studenti u għalliem minn kull skola magħżula se jiġu Brussell biex jaħdmu flimkien, jiddibattu u jipproponu azzjonijiet konkreti li jistgħu jittieħdu fl-iskejjel, il-klabbs u postijiet simili biex jgħinu liż-żgħażagħ migranti jintegraw b'mod aktar effettiv u biex iqajmu kuxjenza dwar l-importanza ta' integrazzjoni tajba, speċjalment għar-refuġjati żgħażagħ.

L-istudenti se jingħataw opportunità biex iħejju għal dan l-avveniment u d-diskussjonijiet fi Brussell bl-għajnuna ta' membri tal-KESE, li se jkunu qed iżuru l-iskejjel magħżula biex jispjegaw il-ħidma u l-attivitajiet tal-KESE kif ukoll il-pożizzjoni tiegħu dwar il-kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati. (fgr)

# PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA

## SKOPRI X'JISTA' JAGĦMEL GĦALIK IL-KESE

Il-fuljett ġenerali *"Skopri x'jista' jagħmel għalik il-KESE"* ġie aġġornat wara t-tiġdid tal-KESE f'Ottubru 2015. Il-verżjonijiet Franċiża, Ġermaniża u Ingliża huma diġà disponibbli fil-verżjoni stampata; il-lingwi l-oħrajn ser isegwu dalwaqt.

Kopji tal-fuljett jistgħu jinkisbu fuq talba minn vipcese@eesc.europa.eu.

Aktar informazzjoni hawnhekk: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.publications.30561




*Il-KESE Info* hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

**Editur:**
Alun Jones (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

**Kontributuri għal din il-ħarġa:**
Alun Jones (aj)
Anne-Marie Wiersma (amw)
Caroline Alibert-Deprez (cad)
Daniela Marangoni (dm)
Fabiola Giraldo Restrepo (fgr)
Jonna Pedersen (jp)
Milen Michev (mm)
Siana Glouharova (sg)
Silvia M. Aumair (sma)

**Koordinazzjoni:**
Agata Berdys (ab)

**Edizzjoni magħluqa fl-4 ta' Jannar 2016**

**Indirizz:**
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Faks (+32 2) 546 97 64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: http://www.eesc.europa.eu/

**Jannar 2016 / 1**

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.

Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: URL: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.

Numru ta' kopji stampati: 6500 kopja.
Ħarġa li jmiss: Frar 2016

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

QE-AA-16-001-MT-N